MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 91

It-Tnejn, 25 ta' Ġunju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Jane Yvonne Spiteri | Segretarju Eżekuttiv |
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 91.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

91.1.1 Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Horace Anastasi kien avża permezz ta' telefonata u anke permezz ta' messaġġ fuq mowbajl li l-ittre ta' apoloġija li bagħat ma kinitx waslet minħabba xi ħsara teknika. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

91.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 89 (disgħa u tmenin) li saret fit-28 ta' Mejju, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 90 (disgħin) li saret fit-12 ta' Ġunju, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

91.2.2 **Korrezzjonijiet**

Fl-attendenza ta' Laqgħa 90 – Is-Sur Darren Carabott kien "Assenti b'Apolġija" u mhux "Preżenti"

Minuta 89.2.2.5 – titneħħa l-kelma "iprropona" u tiżdied il-kelma "ippropona"

#### Punti mqajma mill-minuti

91.2.2.1 Minuta 89.2.2.4 – Is-Sindku informa lill-membri li l-*First Aid Course* ser jibda fis-7 ta' Lulju, 2018 u ser ikun imqassam fuq 4 ġimgħat. Il-kumpanija Sammer First Aid Courses ser tipprovdi l-*flyers* u dawn ser jitqassmu minn waħda mill-għaqdiet. Il-kors ser ikun irriklamat ukoll fuq is-*Social Media.*

91.2.2.2 Minuta 89.2.2.5 – Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-kuntratt tad-dwal tat-toroq, ittieħed parir legali. Il-kuntratt, jekk jibqa' ma jiġix aġġudikat, jaqa'waħdu. Is-Sindku avża lill-kuntrattur li l-prezzijiet li offra kien għoljin ferm u għaldaqstant, il-Kunsill ser jiddeċiedi jekk jerġax joħroġ it-*tender* mill-ġdid jew jekk jibqax jaħdem b'dak eżistenti.

91.2.2.3 Minuta 89.2.2.6 - Is-Sindku informa lill-membri li ttieħed parir legali u l-avukat tat parir li wara li sar tibdil fil-ġerarkija tat-tmexxija ta' Transport Malta, kitbet formalment lil Transport Malta fejn talbet li ssir laqgħa bejn il-Kunsill u Transport Malta. Jekk wara din il-laqgħa l-Kunsill iħossu li baqa' jiġi injorat, isir mandat.

Il-membri qablu unanimament.

91.2.2.4 Minuta 89.4.2 – Is-Sindku ppropona li għall-programm ta' *Car Sharing* permezz ta' karozzi elettriċi, jintbagħtu site plans tal-postijiet li ġew identifikati sabiex isiru żewġ

*parking stations* fi Triq il-Kbira San Ġużepp (ħdejn il-Kunsill), tnejn oħra fi Triq il-Ferrovija (ħdejn Chateau D'Ax) u tnejn oħra fi Triq il-Kanun (faċċata ta' Guillaumier).
Il-membri qablu unanimament.

91.2.2.5

Minuta 89.4.3 – Is-Sindku informa lill membri li l-vann tal-Kunsill issa qiegħed jaħdem tajjeb u għaldaqstant għalissa mhux ser jinxtara vann ieħor.

Il-membri qablu unanimament.

91.2.2.6

Minuta 89.5.4 – Is-Sindku informa lill-membri li għadu qed jistenna l-kwotazzjonijiet tal-ispiża tal-monument taċ-ċentinarju, u li ser jikkomunika mal-membri kif ikollu l-kwotazzjonijiet f'idejh.

Fis-7.00 ta' filgħaxija wasal is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

91.2.2.7

Minuta 89.7 – Is-sindku informa lill-membri li skont ir-rapport li sar mill-*Contracts Manager,* sabiex jiċċertifika x-xogħol li sar mill-kuntrattur tal-knis, Elton John Zammit, irriżulta li sar 4.4% biss mix-xogħol li kien imqabbad biex jagħmel għal dawn l-aħħar xagħarejn. Għaldaqstant, ser tintbgħat ittra lill-kuntrattur fejn ninfurmawh li hemm "dispute" f'dan ir-rigward u jiġi nfurmat ukoll li l-Contracts Manager ma ċċertifikax l-imsemmi xogħol.

Il-membri qablu unanimament.

91.2.2.8

Minuta 89.8

Ilment 72 – Ms Ruth Brignone – biex iċċempel lil min ressaq l-ilment biex jagħtina indikazzjoni tal-post preċiż.
Ilment 74 – *Motorcycle Bay* issir quddiem bieb numru 74.
Ilment 85 – Ma hemmx post fen issir *Motorcycle Bay* – Rifjutata.
Ilment 86 – *Contracts Manager* jerġa jiċċekkja sew vis a vis il-*quarting space*.
Ilment 88 – Issir mill-ħaddiema assenjati skont kif irrakkomanda l-*Contracts Manager.*
Ilment 93 – (1) Issir mis-sid.
(2) Ħaddiema assenjati.
Ilment 95 – Issir Works Order lil B Grima & Sons.
F'dan l-istadju, s-Sindku ppropona li *Loading Bay* tersaq minn fejn hi u ssir fil-fetħa li tagħti għal Triq Qormi, li d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Brunzar u Triq il-Parroċċa jerġgħu jiġu kif kienu qabel, u li Triq Qormi għandha tibqa' kif inhi, jiġifieri direzzjoni lejn Triq il-Kanun. Il-Kunsillier Darren Carabott sostna li huwa jaqbel mal-proposti ħlief li Triq Qormi ma Triq il-Kanun għandha terġa' ssir *Two Way* kif kienet qabel.

Ittieħed vot u l-proposta għaddiet b'ħames voti favur u b'vot kontra.

Ilment 107 – *Contracts Manager* jerġa jiċċekkja sew anke Triq il-Bir.

Fit-19.40 is-Sa Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

## 91.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

91.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li hemm numru ta' qsari li kienu mal-akwedott li tkissru. Għaldaqstant, il-membri qablu li dawk li hemm nieqsa jerġgħu jinxtraw.

Il-membri qablu unanimament.

91.3.2 Is-Sindku ppreżenta 3 kwotazzjonijiet għal xiri ta' *shredder.*
Smart Supplies għal €399
Scan għal €165
MB Distribution għal €145.
Għaldaqstant, il-membri tal-Kunsill qablu li tinxtara *shredder* mingħand MB Distrbution għal-€145.

91.3.3 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna mingħand Kidstart fejn qed jitolbu permess sabiex nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju, 2018 iġibu *Fun Bus* mit-8.00am ṡa 12.00pm.

Il-membri qablu unanimament li l-permess jinagħta b'kundizzjoni li Kidstart ikunu konformi mal-liġijiet li jirrigwardaw is-sigurta'.

91.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand Resin and Membraine sabiex issir *Loading/Unloading Bay* mill-10.00am sa 12.00pm u mil-4.00pm sas-6.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Il-membri qablu unanimament li tintbagħat l-applikazzjoni lil Transport Malta.

91.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand J. Attard Jewellers Ltd sabiex issir *Loading/Unloading Bay* bejn 12.00pm u 4.30pm.

Il-membri qablu unanimament li tintbagħat l-applikazzjoni lil Transport Malta.

91.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand il-Kumitat Ċentru PL Santa Venera, sabiex issir bibita fil-parti l-magħluqa tal-Ġnien Romeo Romano, nhar il-21 ta' Lulju, 2018.

Il-membri qablu unanimament (Il-Kunsillier Silvio Vella ma pparteċipax fil-vot peress li għandu konflitt ta' interess).

91.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntrattur tal-knis jidher li qabad ir-rittmu u għaldaqstant huwa tal-parir li l-kuntratt jiġġedded sabiex ix-xogħol ta' tindif jibqa' għaddej.

Il-membri qablu unanimament.

## 91.4 *Rapporti/Korrispondenza*

91.4.1

Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna cirkolari mingħand l-Assiċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jitolbu biex issir preżentazzjoni mill-*POYC Outreach Program* "Kun Af Aktar Dwar il-Mediċini Tiegħek".

Il-membri qablu unanimament li ssir iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

91.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-kummissarju tal-Animal Welfare jixtieq li jagħmlu taħdita permezz ta' *power point presentation* ta' 45 minuta dwar l-attivitajiet tagħhom.

Il-membri qablu unanimament li ssir fiċ-Centru ta' Matul il-Jum.

## 91.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

91.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li, għall-Festa ta' Santa Venera, bħal ma sar fi snin oħra, il-Kunsill ser jieħu ħsieb:

1. Jinġiebu gwardjani lokali sabiex ikun jista' jintrama' l-armar tal-Festa.
2. Jinġiebu gwardjani fil-ġranet tal-Festa sabiex Triq il-Kbira San Ġużepp tkun tista' tingħalaq għat-traffiku u t-traffiku jiġi mgħoddi minn toroq alternattivi.
3. Jinġieb meter tad-dawl (*3 phase*) sabiex ikun jista' jintuża għall-Lejla Palmista kif ukoll għall-Lejla Vendriża.
4. Jinġiebu mobile toilets għall-ġranet tal-festa.
5. Tinġieb Fire Engine fi Triq il-Kanun għal aktar sigurta.
6. Jinxtraw 3 bukketti tal-fjuri, wieħed għall-festa ta' Fleur-de-Lys, u tnejn oħra għall-granet tal-Festa ta' Santa Venera, wieħed fil-Knisja l-Qadima u l-ieħor fil-Knisja l-Ġdida.

Is-Sur Darren Carabott issuġġerixxa li jsiru avviżi *"No Service"* mal-*bus stops* bejn ir-*roundabout* u Triq il-Kanun, dawk il-*bus stops* li ser ikunu affettwati mid-devjazzjoni tat-traffiku.

Il-membri qablu unanimament.

91.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li nhar il-Ġimgħa 21 ta' Lulju, 2018, l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju ser jorganizzaw Lejla Folkloristika fil-Ġnien Romeo Romano u xtaqu li ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Ser issir lejla ta' għana u għal dan il-għan il-Kunsill ser jieħu ħsieb is-*sound system.*

Il-membri qablu unanimament, sakemm tinbidel id-data peress li dak inhar hemm attivita' ta' għaqda oħra.

## 91.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

91.6.1 Ġew ippreżentati u approvati l-minuti tal-Laqgħa Pubblika li saret fit-30 ta' Mejju, 2018.

## 91.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

Il-membri qablu unanimament.

## 91.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 137 sa 206.

| | |
|---|---|
| 137 | Micamed |
| 138 | Water Services Corporation |
| 139 | B Grima & Sons |
| 140 | Ħaddiema Assenjati |
| 141 | Ħaddiema assenjati -Issir it-Triq kollha |
| 142 | Ħaddiema Assenjati |
| 143 | Ħaddiema Assenjati |
| 144 | Transport Malta |
| 145 | Pulizija – Reminder |
| 146 | Ġardinar |
| 147 | Ħaddiema Assenjati |
| 148 | Ittra lis-Sid |
| 149 | Cancelled |
| 150 | Ħaddiema Assenjati |
| 151 | Ħaddiema Assenjati |
| 152 | Ħaddiema Assenjati |
| 153 | Bulky Refuse |
| 154 | Ħaddiema Assenjati |
| 155 | Transport Malta |
| 156 | Rifjutata |
| 157 | Tintbagħat ittra lill-Coca Cola Co Ltd |
| 158 | Ħaddiema Assenjati it-triq kollha |
| 159 | Diġa hemm sinjali sofor |
| 160 | Works Order għal dog bins |
| 161 | Ħaddiema Assenjati |
| 162 | Ġardinar |
| 163 | Melita |
| 164 | Contracts Manager |
| 165 | Enemalta |
| 166 | Rapport lill-Pulizija |
| 167 | Ħaddiema Assenjati |
| 168 | Transport Malta |
| 169 | Contracts Manager |
| 170 | Contracts Manager |

| | |
|---|---|
| 171 | Ħaddiema Assenjati |
| 172 | Ħaddiema Assenjati |
| 173 | Pulizija |
| 174 | Konfini Birkirkara |
| 175 | Ħaddiema Assenjati |
| 176 | 1. Konferma mis-Sidien u wara application lil Transport Malta<br>2. Mera- B.Grima & Sons |
| 177 | Ittra lis-Sid |
| 178 | Transport Malta |
| 179 | Ser issir triq mill-ġdid |
| 180 | Rifjutata |
| 181 | Ħaddiema Assenjati |
| 182 | Ħaddiema Assenjati |
| 183 | Intbagħtet ittra |
| 184 | Ġardinar |
| 185 | Ħaddiema Assenjati |
| 186 | Contracts Manager |
| 187 | Cancelled |
| 188 | Pulizija |
| 189 | Contracts Manager |
| 190 | Gwardjani |
| 191 | B.R.O. |
| 192 | Transport Malta |
| 193 | Ittra lir-Residenti |
| 194 | GO |
| 195 | Cancelled |
| 196 | Korrispondenza |
| 197 | Tansport Malta |
| 198 | Ġardinar |
| 199 | P.A. Enforcement |
| 200 | Ħaddiema Assenjati |
| 201 | Contracts Manager |
| 202 | Transport Malta |
| 203 | Ittra lir-Residenti |
| 204 | B.Grima & Sons – W.O. bended pole |
| 205 | Ħaddiema Assenjati |
| 206 | 1. Sandro Caruana<br>2. Jinbidel il-*urinal* |

## 91.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-9.10 pm u ġiet aġġornata għat-17 ta' Lulju, 2018, fis-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Lulju, 2018

Stephen Sultana
Sindku

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv